**27 ta' Jannar, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

Julie Buckingham

## Disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti - Nuqqas ta' Element Intenzjonali

*Meta l-Marixxal tal-Qorti mar biex jesegwixxi mandat ta' qbid, il-konvenuta ma ħallitux jidħol fid-dar ta' residenza tagħha. Izda, irriżulta li hija irrifjutat li tħallih jidħol flimkien ma' l-assistent li huwa ħa miegħu għaliex huma kienu libsin pajzana u ma kellhom ebda distinzjoni biex tindika li kienu uffiċjali tal-Qorti.*

*Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, ma kienx hemm l-element intenzjonali fil-konvenuta li ma tobdix l-ordni tal-Qorti, għax ma kien hemm xejn x'jiddistingwi lill-persuni li marru biex jesegwixxu l-mandat bħala uffiċjali tal-Qorti u l-konvenuta kienet ġustifikata li ma ddaħħalhomx f'darha.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-konvenuta, sabiex dina twieġeb għaliex m'għandhiex tkun iddikjarata ħatja ta' disprezz lejn l-awtorità ta' din il-Qorti, talli ma ħallietx lill-Marixxal George Sammut, uffiċjal ta' din il-Qorti, milli jesegwixxi l-mandat ta' qbid numru 513/82, maħruġ minn din il-Qorti fil-21 ta' Mejju, 1982, u dana anke wara li spjegalha l-importanza tal-mandat;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li meta l-Marixxal ta' din il-Qorti, George Sammut, mar biex jesegwixxi l-mandat ta' qbid imsemmi fiċ-ċitazzjoni, il-konvenuta ma ħallitux jidħol fid-dar tar-residenza tagħha u ta' żewġha u kwindi huwa ma setax jesegwixxi l-

mandat. Iżda, irriżulta ukoll li hija rrifjutat li tħallih jidħol, flimkien ma' l-assistent li huwa ħa miegħu, għaliex huma kienu libsin pajżana u ma kellhom ebda distinzjoni biex tindika li kienu uffiċjali tal-Qorti. L-istess Marixxal xehed li l-assistent li ħa miegħu żgur kien liebes pajżan, u ma eskludiex li huwa kien liebes pajżan ukoll u ma kellux beritta ta' l-uniformi, peress li kien is-sajf. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma kienx hemm l-element intenzjonali fil-konvenuta li ma tobdix l-ordni tal-Qorti, għax ma kienx hemm xejn x'jiddistingwi lill-persuni li marru biex jesegwixxi l-mandat bħala uffiċjali tal-Qorti u l-konvenuta kienet ġustifikata li ma ddaħħalhomx f'darha;

Għal dawn il-motivi;

Ma ssibx lill-konvenuta ħatja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.